MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**FRANCESCO DEPASQUALE**

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2012

Avviz Numru. 250/2007

**Suzanne Rossi u Claudia Dalli**

**Vs**

**Adriana Zarb**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ta’ l-14 ta' Awissu 2007 illi fiha r-rikorrenti talbu lill-Qorti sabiex tordna lill intimata thallashom is-somma ta' tlett elef Liri Maltin (LM 3,000) rapprezentanti danni pre likwidati minnek lilhom dovuti a tenur ta' klawsola 5 (a) u 6 tal-kuntratt minnha iffirmat fit-18 ta' Mejju 2007 li jirregola il-partecipazzjoni tal-intimata fil-konkors Miss-World Malta 2007, stante ili hija unilateralment ma baqghetx tippartecipa u irtirat mill-istess

konkors, bi ksur ta’ l-obbligazzjonijiet kuntrattwali assunti minha

Bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta’ l-avviz sad-data tal-hlas effettiv kontra il-konvenuta

Rat ir-risposta li dahhlet fil-25 ta' Jannar 2008 fejn l-initmata laqghet ghall-kaz billi eccepiet illi:-

Fl-ewwel lok, l-esponenti teccepixxi l-eccezzjoni preliminari tan-nullita' tat-talba stante li ma gietx ipprezentata permezz ta' Rikors hekk kif kellu jsir ai termini tal-artikolu 125 (2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta

Illi, fit-tieni lok, l-intimata teccepixxi li, se mai, il-kawza kellha tinfetah mill-Kumpannija Modelle International u mhux f' isem Suzanne Rossi u Claudia Dalli

Illi, fit-tielet lok, it-talba hija fuq kollox infondata fil-fatt u fid-dritt kif ser jirrizulta fil-kawza.

Illi l-ammont indikat ma huwiex dovut

Illi hija ma kissret ebda kuntratt

Illi se mai il-kuntratt huwa null

Illi t-talba ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghha

Rat illi fis-26 ta' Frar 2008, il-Qorti ordnat illi jigu decizi l-ewwel zewgt eccezzjonijiet preliminari.

Rat ir-rikors tal-5 ta' Novembru 2009 fejn l-intimata talbet ukoll illi l-kawza tigi deciza ukoll fuq it-tielet eccezzjoni preliminari, ossija dik tan-nullita' tal-kunttratt.

Semghet ix-xhieda ta' Suzanne Rossi u Claudia Dalli, illi stqarrew it-tnejn illi huma direttur ta' agenzija bl-isem ta' Model International illi hija licenzjata minn Miss World biex

tirrapprezenta l-istess f'Malta u, permezz taghha, tfajla Maltija titla tirrapprezenta lil Malta fil-kuntest ta' Miss World. Spjegaw illi l-intimata kienet wahda minn hamsa u ghoxrin kontestant illi attendew ghall-laqgha wara li wrew l-interess taghhom li jikkontestaw ghall-attivita ta' 2007. Wara t-tieni illi kellhom, il-partecipanti, fosthom l-intimata stess, jinghataw kopja ta' kuntratt illi irid jigi iffirmat u dana jittiehed mill-partecipanti sabiex jikkunsidrawh. Sussegwentement, waqt xi laqgha sussegwenti, il-partecipanti igibu lura il-kuntratt li inghatalhom, u jiffirmawh flimkien ma kopja ohra ta’ l-istess kuntratt, liema kuntratt jigi ffirmat miz-zewg partijiet, jigifieri min qed jorganizza l-attivita, ossija r-rikorrenti, u min qed jippartecipa, jigifieri l-intimata. Ta tali kuntratt ikun hemm zewg kopji originali, wiehed jinzamm mill-organizzaturi u wiehed jinzamm mill-partecipanta.

Stqarrew ukoll illi, fil-kaz ta’ l-intimata, dakinhar illi kienu ser jigu ffirmati l-kuntratti, hija ma baqghetx ghal laqgha kollha peress illi kienet ghadha kif harget mill-isptar u ma setghetx iddum hafna, u kien ghalhekk illi hija hadet il-kopja tal-kuntratt illi kien taghha minghajr ma gie ffirmat mir-rikorrenti filwaqt illi ffirmat il- kopja l-ohra u hallietu mar-rikorrenti. Di fatti, r-rikorrenti a fol 80 tal-process, esebew kopja tal-kuntratt datat 5 ta' Frar 2007 iffirmat mill-intimata flimkien mar-rikorrenti.

Semghet ukoll ix-xhieda ta' Dr Claudette Fenech, bhala rapprezentant tal-MFSA, illi ipprezentat id-dokumentazzjoni kollha tal-kumpannija Modelle International Limited (C 12291), liema kumpannija thassret mir-Registru tal-Kumpanniji fit-8 ta' Jannar 1998.

Rat illi l-partijiet qablu li l-kawza tigi differita ghas-sentenza parzjali fuq l-eccezzjonijiet preliminari.

Rat illi, ghalkemm mhux daqstant carament indikat, l-eccezzjonijiet preliminari li ghandhom jigu kkunsidrat minn dina l-Qorti huwa tlieta:-

- n-nullita' tat-talba stante li ma gietxipprezentata permezz ta' Rikors hekk kif kellu jsir ai termini tal-artikolu 125 (2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta

- il fatt li l-kawza kellha tinfetah mill-Kumpannija Modelle International u mhux f'isem Suzanne Rossi u Claudia Dalli

- il fatt illi l-kuntratt huwa null ghax mhux iffirmat mill-partijiet kollha

Rat is-sottomissjonijiet mressqa.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tlett eccezzjonijiet preliminari ma reghux u ghalhekk il-Qorti ma tistax tilaqghhom.

Dwar l-ewwel eccezzjoni, filwaqt illi l-Qorti taf id-dicitura adoperata mill-Ligi, tirrileva illi l-formola adoperata mir-rikorrent hija attwalment kkontemplata fil-Kodici ta' l-Organizazzjoni u Procedura Civili u allura hija korretta. Ghalhekk tali eccezzjoni ma tregix.

Dwar it-tieni eccezzjoni, irrizulta ampjament ippruvat illi s-socjeta indikata mill-intimata, ossija Modelle International Limited, ilha defunta mit-8 ta' Jannar 1998. Jirrizulta wkoll mill-kuntratt iffirmat bejn il-partijiet, kemm dak ipprezentat mill-intimat a fol 57 tal-process, kif ukoll dak ipprezentat mir-rikrorrenti a fol 80 tal-process, illi l-kuntratt gie iffirmat bejn ir-rikorrenti, bhala organizzaturi, u l-intimata, bhala partecipanta. Il-Qorti ghalhekk ma tistax tifhem kif tali eccezzjoni qatt setghet giet ikkontemplata, aktar u aktar kif giet indikata bhala eccezzjoni.

Dwar it-tielet eccezzjoni, filwaqt illi l-intimata kienet qed tistrieh fuq il-fatt illi l-kuntratt li kellha hi ma kienx iffirmat mir-rikorrenti, jidher car illi hija, jew ma kienetx a korrent, jew giet zvijata, fis-sens illi kien hemm kopja ohra tal-kuntratt, kif r-rikorrenti indikaw illi kien isir, u f'tali kuntratt,

li gie wkoll esebit a fol 8 tal-process, il-partijiet kollha iffirmaw il-kuntratt.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti ghalhekk, wara illi ghamlet tali konsiderazzjoni qieghda tichad l-ewwel u tieni eccezzjoni mressqa mill-intimata kif ukoll l-eccezzjoni illi l-kuntratt tal-5 ta' Frar 2007 huwa null, u tordna il-prosegwiment tal-kawza fuq il-meritu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------